# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**IMHALLEF**

**ONOR. NOEL V. ARRIGO LL.D.**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha, 23 ta' Novembru 2001**

**Numru**

**Appell numru: 254/00 (G)**

**Il-Pulizija (Spettur Paul Vassallo)**

**vs**

**Paul Cremona**

**Il-Qorti,**

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-appellant talli fil-*25* ta' April, 2000 ghall-habta tal-10.3Oam waqt li kien qed isuq il-karozza ufficcjali tal-Ispeaker li ggib in-numru ta' registrazzjoni GAM-738 tal-ghamla AIfa Romeo fi Triq Gharb, Gharb, Ghawdex -

(1) Saq l-istess vettura b'velocita' eccessiva; u

(2) B'imprudenza, negligenza u nuqqas ta' tharis tar-regolamenti tat-traffiku habat ma' vettura numru IAB-378 tal-ghamla 'Ford Transit' bil-konsegwenza li kkaguna hsarat konsiderevoli fiz-zewg vetturi ghad-dannu tal-Gvem Malti u Thomas Zahra minn Paola rispettivament.

Rat is-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali fil-25 ta' Ottubru, 2000 illi permezz taghha l-appellant instab hati tal-akkuzi kif dedotti kontra tieghu u kien ikkundannat ghall-hlas ta' multa ta' hamsin lira Maltija (Lm50).

Rat ir-rikors tal-appellipprezentat mill-appellant fit-8 ta' Novembru, 2000 illi permezz tieghu l-istess appellant iddikjara ll hass ruhu aggravat mis-sentenza moghtija miIl-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali fil-25 ta' Ottubru, 2000 u talab ir-revoka tal-imsemmija sentenza u talab li jigi liberat minn kull imputazzjonl u htija.

Ikkonsidrat l-aggravji tal-appellent kif dedotti fir-rikors tal-appell tieghu. konsistenti, principalment, fis-segwenti —

(i) illi ma ngabet l-ebda prova kredibbli iii l-appellant kien qieghed isuq bi speed eccessiv, ghajr ix-xhieda ta' Thomas Zahra, il-persuna l-ohra involuta fl-istess incident;

(ii) illi n-nuqqas ta' 'brake marks' u l-entita' pjuttost zghira tal-hsarat sostnuti fiz-zewg vetturi huma prova tal-kuntrarju, u cioe' li l-appellant ma kienx ghaddej bi 'speed' eccessiv;

(iii) illi l-appellant kien ghaddej fid-dritt fit-triq principali u l-incident sehh minhabba fil-manuvra kommessa mis-sewwieq l-iehor, Thomas Zahra, illi naqas mliii josserva r-regoli tat-traffiku meta f'junction kien se johrog minn got-triq principali ghal go triq sekondarja u bil-manuvra azzardata tieghu ikkawza l-incident.

Semghet il-provi kollha prodotti u rat id-dokumenti kollha ezebiti;

Rat l-atti processwali l-ohra kollha;

Semghet it-trattazzjonijiet taz-zewg partijiet;

Ikkunsidrat:-

Il-fatti saljenti ta' dan il-kaz huma illi fil-*25* ta' April, 2000 ghall-habta tal-10.3Oam l-appellant kien qieghed isuq il-vettura ufflccjali tal-Ispeaker tal-Kamra tar-Rapprezentanti fi Triq l-Gharb, Gharb, Ghawdex, fid-direzzjoni tar-Rabat. Din hija triq dritta ill toffri vizwali tajba ghall-utenti illi jkunu qed juzaw din it-triq. L-appellant kien qieghed isuq minn got-'through road' sejjer fid-direzzjoni tar-Rabat meta lahaq 'junction' illi hemm fit-triq fejn hemm triq ohra illi taghti ghal Ta' Pinu. Is-sewwieq l-iehor Thomas Zahra kien gej mid-direzzjoni opposta, u cioe' min-naha tar-Rabat, u huwa kiser biex jidhol f'din it-triq sekondarja illi taghti fid-direzzjoni ta' Ta' Pinu, u f'dak il-mument sehh l-incident. Fuq il-post wasal is-surgent PS *755* Frank Gauci illi rrediga skizz tal-incident illi jinsab ezebit a fol. 30 tal-process u li dwaru hemm qbil kemm da parti tal-appellant u kif ukoll tas-sewwieq l-iehor Thomas Zahra ghajr illi l-imsemmi Thomas Zahra jghid illi l-'brake marks' tieghu kienu inqas minn dak indikat fl-imsemmi skizz.

Il-provi prodotti mill-prosekuzzjoni in sostenn tal-imputazzjonijiet minnha dedotti fil-konfront tal-appellant

jikkonsistu fix-xhieda tal-imsemmi PS *755* Frank Gauci u l-iskizz minnu ipprezentat, certu Raymond Grillo liii semplicement ezebixxa ricevuti tal-hsarat tal-vettura GAM-738 (il-vettura tal-Ispeaker) u x-xhieda ta' Thomas Zahra illi kien is-sewwieq tal-vettura l-ohra involuta fl-incident ta' din il-kawza.

Fix-xhieda tieghu s-Surgent Gauci jirrileva dak li qalulu z-zewg partijiet wara l-incident illi ghalih huwa ma kienx prezenti. L-appellant sostna illi huwa kien ghaddej bi 'speed moderat', kien sejjer mill-Gharb fid-direzzjoni tar-Rabat u x'hin wasal fil-'junction' fejn sehh l-incident huwa waqaf biex tohrog jeep' li kienet gejja mid-direzzjoni ta' Ta' Pinu, imbaghad x'hin harget din il-'jeep' u hu gie biex jaqla' baqa' diehel go fih il-vann Transit Il kien mlsjuq minn Thomas Zahra. L-appellant qal ukoll illi huwa ma rax lil tat-Transit jaghmel ebda 'indicators' u li meta sehhet il-habta huwa kien wieqaf ghal kollox.

Min-naha tieghu l-imsemmi Thomas Zahra qal lis-Surgent Gauci illi huwa kien ghaddej bi 'speed' normali isegwi vettura ohra ta' xi hadd li kien mieghu, ghamel l-'indicators' u x'hin gie biex jikser ghal got-triq li taghti lejn Ta' Pinu giet il-vettura

misjuqa mill-appellant bi speed eccessiv, huwa waqaf u l-appellant baqa' diehel go fih u kaxkru xi sitt pulzieri lejn il-lemin. Qal ukoll liii l-'jeep' li kienet gejja mid-direzzjoni ta' Ta' Pinu harget hekk kif sehh l-incident u mhux qabel u cahad li l-appellant kien wieqaf fil-mument illi sehh l-incident.

Dawn iz-zewg verzjonijiet tal-fatti moghtija miz-zewg partijiet involuti lis-surgent Gauci prattikament 'a tempo vergine' regghu gew ripetuti, in sostanza, miz-zewg partijiet meta xehdu quddiem din il-Qorti fil-mori ta' din il-kawza.

Il-Qorti tosserva illi z-zewg partijiet jaghtu verzjonijiet differenti hafna, tista' tghid dijametrikament opposti. ta' kif sehh l-incident in kwistjoni. L-appellant jghid illi huwa kien ghaddej bi 'speed' moderat ossija normali filwaqt li Zahra jghid li l-appellant kien qed isuq bi 'speed' eccessiv; l-appellant jghid illi Zahra m'ghamilx 'indicators' meta gie biex jikser lejn it-triq li taghti ghal Ta' Pinu, filwaqt illi Zahra jsostni illi huwa ghamel l-'indicators'; l-appellant isostni illi huwa kien wieqaf x'hin sehhet il-habta u li kien Zahra li baqa' diehel go fih filwaqt illi Zahra jtenni li kien l-appellant illi baqa' diehel go fih u kaxkru xi ftit lejn il-lemin; l-appellant isostni li l-kollizjoni sehhet wara li harget il-'jeep' li kienet gejja mid-direzzjoni ta' Ta' Pinu filwaqt

illi Zahra jghid illi din il-'jeep' harget meta sehh l-incident u mhux qabel.

Fid-dawl ta' dawn iz-zewg verzjonijiet illi huma prattikament dijametrikament opposti fin-natura taghhom moghtija miz-zewg protagonisti ta' dan l-incident, din il-Qorti ma thossx illi tista' tistrieh fuq il-verzjoni moghtija minn xi wiehed miz-zewg sewwieqa biex issib htija fis-sewwieq l-iehor. Kwalsijasi xhieda moghtija f'xi stadju iehor minn persuni ohra illi setghu assistew ghall-incident ma tista' tinghata ebda rilevanza stante illi dawn ma gewx prodotti bhala xhieda quddiem din il-Qorti, u dak kollu li dawn il-persuni setghu qalu lil haddiehor, u cioe' lis-Surgent Gauci u lill-imsemmi Thomas Zahra, u r-riproduzzjoni ta' dak illi huma allegatament qalu da parti ta' dawn ix-xhieda ma tistax hlief tigi skartata bhala 'detto del detto'.

Ghaldaqstant din il-Qorti tista' tistrieh biss fuq fatti oggettivi illi jirrizultaw minghajr ebda ombra ta' dubju u mhux fuq verzjonijiet soggettivi moghtija mill-protagonisti tal-incident 'de quo'. Dawn il-fatti oggettivi jikkonsistu fis-segwenti —

(i) mill-iskizz redatt mis-surgent Gauci u ezebit fl-atti processwali (li dwaru, fis-sustanza, hemm qbil min-naha taz-zewg partijiet), jirnizulta illi ma kien hemm ebda 'brake marks' da parti tal-appellant;

(ii) minn imkien ma tirrizulta xi hsarat kien hemm fil-vann 'Transit' proprjeta' ta' u misjuq mill-imsemmi Thomas Zahra filwaqt illi ghal dak li jirrigwarda l-hsarat fil-vettura tal-Ispeaker, mir-ricevuta ezebita a fol. 6 ma hemm ebda indikazzjoni ta' x'kienu dawn il-hsarat ghajr illi dawn ammontaw ghal Lm743.20, cifra illi tista' tidher wahda pjuttost elevata illi pero' meta wiehed jiehu kont tal-ispejjez tal-'mano d'opera' ('panel beating' u 'spray painting') u tal-valur tal-'ispare parts' ta' vettura tal-ghamla 'Alfa Romeo' mhumiex necessarjament xhieda ta' hsara kbira;

(iii) mix-xhieda tas-surgent Gauci jirrizulta illi z-zewg vetturi setghu jigu misjuqa immedjatament wara l-incident;

(iv) il-kollizjoni sehhet f'junction', l-appellant kien ghaddej minn got-'through road', ghaddej fid-dritt u fuq il-

karreggjata tieghu, filwaqt illi s-sewwieq l-iehor Thomas Zahra kien se jikser minn go din it-triq ghal go triq sekondarja. u ghalhekk kellu josserva r-regolamenti tat-traffiku indikati fl-artikoli 77, 79 u 86 tal-'Highway Code' indikati mill-appellant fir-rikors tal-appell tieghu, xi haga illi ma jirrizultax, mill-assjem tal-provi u mill-fatti pertinenti ta' dan il-kaz, illi l-imsemml Thomas Zahra ghamel.

Din il-Qorti tosserva illi mhuwiex kompitu taghha liii taqta' u tiddeciedi min kien effettivament responsabbli ghall-incident in kwistjoni u sa liema grad, xi haga illi tinkombi lill-qorti ta' gurisdizzjoni civili, izda trid taqta' u tiddeciedi biss jekk, fuq il-bazi tal-provi prodotti quddiemha, giex ippruvat lil hinn minn kull dubju ragjonevoli, kif rikjest fil-kamp kriminali, illi l-appellant fl-okkazjoni mertu ta' din il-kawza kien qieghed isuq bi 'speed' eccessiv u li bi traskuragni, negligenza u nuqqas ta' harsien tar-regolamenti tat-traffiku ikkaguna hsarat fil-vettura minnu misjuqa u fil-vettura misjuqa mill-imsemmi Thomas Zahra ghad-dannu ta' terzi.

Ghar-ragunijiet fuq spjegati, din il-Qorti ma thossx illi l-prosekuzzjoni irnexxielha tipprova l-kaz taghha sal-grad li trid il-ligi ghaliex ma jirrizultaw ebda provi oggettivi illi l-appellant

kien qed isuq bi 'speed' eccessiv u din il-Qorti ma tistax tasal ghal din il-konkluzjoni unikament a bazi tax-xhieda moghtija mill-partecipi l-iehor fl-incident, Thomas Zahra, kif ghamlet il-qorti tal-ewwel grad, u dan minhabba fil-kunflitt car fix-xhieda moghtija miz-zewg protagonisti, kif fuq elenkat.

Ghall-istess raguni din il-Qorti ma thosshiex sodisfatta mill-provi prodotti mill-prosekuzzjoni biex jippruvaw illi l-appellant ikkawza "hsarat konsiderevoli" fll-vettura tal-Ispeaker u ta' Thomas Zahra u dan ghar-ragunijiet segwenti — fl-ewwel lok, ghalkemm saret prova tal-hsara fil-vettura tal-'Ispeaker', ma ngabet ebda prova tal-hsarat kagjonati fil-vann 'Transit' 'IAB-378' proprjeta' ta' u misjuq minn Thomas Zahra, mentri l-akkuza kif dedotta — "ghad-dannu tal-Gvem Malti **u** Thomas Zahra" — tinhtieg illi ssir prova tat-tnejn, u, fit-tienl lok, ghalkemm l-ezistenza tal-hsara giet provata, ghar-ragunljiet fuq imsenimija ma giex ipprovat illi din il-hsara kienet il-kagun ta' traskuragni, negligenza u nuqqas ta' harsien tar-regolamenti tat-trafliku da parti tal-appellant.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti qieghda tirrevoka s-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) bhala Qorti ta'

Gudikatura Kriminali fil-*25* ta' Ottubru, 2000 u tillibera lill-appellant mill-akkuzi kollha kif dedotti kontra tieghu.

**ONOR. IMHALLEF NOEL V. ARRIGO LL.D.**

Deputat Registratur

rf.